



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 21 ta' Marzu 2018
(OR. en)

2017/0163 (COD)

PE-CONS 5/18

CULT 11
CODEC 130

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li
jemenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm
Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020)

REGOLAMENT (UE) 2018/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013
li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva
(2014 sa 2020)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 167(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tat-18 ta' Ottubru 2017 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ stabbilixxa l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) biex jiġu appoġġati s-setturi kulturali u kreattivi Ewropej.
- (2) Il--partikolarità tal-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea (EUYO) ġejja mill-fatt li hija orkestra Ewropea li tmur lil hinn mill-konfini kulturali u li hija magħmula minn mużiċisti żgħażaġh li jintgħażlu skont kriterji eżiġenti ta' kwalità permezz ta' proċess annwali rigoruż ta' udjenza bi prova li jsir fl-Istati Membri kollha. Din hija l-unika orkestra fl-Unjoni li tirrekluta mill-Istati Membri kollha.
- (3) Mit-twaqqif tagħha, l-EUYO kkontribwixxiet għall-promozzjoni tad-djalogu interkulturali u għar-rispett u l-fehim reċiproku. L-EUYO aġixxiet ta' ambaxxatur kulturali għall-Unjoni billi serviet ta' vetrina tar-rikkezza u tad-diversità tal-kulturi Ewropej, u tat-talenti emerġenti. Ikkontribwixxiet ukoll għall-għarfien tal-patrimonju mużikali Ewropew, għaċ-ċirkolazzjoni ta' xogħolijiet mużikali Ewropej u għall-mobbiltà tat-talenti żgħażaġh Ewropej lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u Ewropej.

¹ Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE and Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

- (4) L-EUYO ttiprovdi taħriġ regolari għall-mużiċisti żgħażaġħ permezz ta' programm reżidenzjali u toffri opportunitajiet biex jagħtu rappreżentazzjonijiet, u b'hekk issaħħaħ il-karrieri internazzjonali tagħhom u tiżviluppa l-ħiliet tagħhom taħt il-gwida ta' surmastrijiet rinomati.
- (5) Jenħtieġ li l-EUYO tiddiversifika kontinwament id-dħul tagħha billi tfittex b'mod attiv appoġġ finanzjarju minn sorsi oħra apparti l-finanzjament mill-Unjoni sabiex tiggarantixxi s-sostenibbiltà tagħha u bl-għan li tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-finanzjament tal-Unjoni. Għaldaqstant jenħtieġ li l-EUYO tiżgura l-kosteffiċjenza fil-ġestjoni tagħha.
- (6) Jenħtieġ li l-EUYO tfittex li żżid il-viżibbiltà tagħha, inkluż fil-media tradizzjonali u diġitali, u li tagħti rappreżentazzjonijiet f'avvenimenti Ewropej u f'aktar Stati Membri.
- (7) Jenħtieġ li l-EUYO, b'kollaborazzjoni mas-sħab assoċjati nazzjonali tagħha, iżżid l-għarfien tal-udjenzi bi prova annwali bil-ħsieb li tilħaq stat ta' rappreżentanza aktar bilanċjat ta' mużiċisti minn kull Stat Membru fl-orkestra.
- (8) Jenħtieġ li l-attivitajiet tal-EUYO jkunu konformi mal-oġettivi tal-Programm Ewropa Kreattiva, b'mod partikolari l-oġettiv tagħha li tappoġġja l-iżvilupp tal-udjenza, u mal-prijoritajiet tas-Sottoprogramm Kultura. Jenħtieġ li l-EUYO għalhekk timpenja ruħha b'mod attiv fl-iżvilupp tal-udjenza, b'attenzjoni partikolari fuq iż-żgħażaġħ.

- (9) L-EUYO twaqqfet wara rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 1976¹ u għaldaqstant hija distinta fost l-orkestri fl-Ewropa.
- (10) Il-kontribut tal-EUYO għe rikonoxxut mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż minn Presidenti suċċessivi tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew.
- (11) Minħabba l-istatus speċifiku tagħha, l-oġġettivi strateġiċi u l-attivitajiet li jmorru lil hinn mill-interess u l-benefiċċju uniku ta' Stat Membru wieħed jew aktar u li juru b'mod ċar valur Ewropew miżjud, l-EUYO tikkwalifika bħala korp identifikat minn att bażiku fis-sens tal-punt (d) tal-Artikolu 190(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012², li jippermetti li jingħataw għotjiet mingħajr sejħa għall-proposti.

¹ Ir-Rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 1976 dwar il-mozzjoni għal rizzoluzzjoni mressqa mis-Sinjura Kellett-Bowman dwar it-twaqqif ta' Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Komunità Ewropea) (ĠU C 79, 5.4.1976, p. 8).

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

- (12) Jenħtieġ li l-finanzjament jingħata eċċezzjonalment lill-EUYO sa tmiem il-Programm Ewropa Kreattiva fil-31 ta' Diċembru 2020.
- (13) Għaldaqstant jenħtieġ li l-EUYO, bħala eċċezzjoni, tiġi inkluża fost il-miżuri li jibbenefikaw minn appoġġ kemm mis-Sottoprogramm Kultura kif ukoll mit-Taqsima Transsettorjali tal-Programm Ewropa Kreattiva.
- (14) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-EUYO, jenħtieġ li tkun tista' tibbenefika mill-appoġġ mill-aktar fis possibbli, b'mod partikolari għall-ispejjeż imġarrba fl-2018 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika retroattivament mill-1 ta' Jannar 2018.
- (15) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(f) l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet tal-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea li jikkontribwixxu għall-mobbiltà tal-mużiċisti, għaċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej minn naħa għall-oħra tal-fruntieri u għall-internazzjonalizzazzjoni tal-karrieri ta' mużiċisti żgħażaġh.";

(2) fl-Artikolu 15(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(g) l-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea, għall-ispejjeż li mhumiex appoġġjati taħt il-punt (f) tal-Artikolu 13(1).".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
